MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1035/2005

**Av. David Tonna bħala prokuratur speċjali f'isem iż-żewġ soċjetajiet esteri *adidas International Marketing B.V.* u *adidas-Salomon AG***

***Versus***

**Av. Renzo Porsella Flores u Liliana Buhagiar kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjetà *Warda Import-Export*, maħtura b'dikriet it-18 ta' Marzu 2005.**

Din hija kawża dwar *trademarks*.
Ir-rikors igħid illi s-soċjetà *adidas International Marketing B.V.* hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv magħruf bħala *three stripes device* li huwa wżat fuq diversi prodotti bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra. Din s-soċjetà għandha irreġistrata Malta il-markju *three stripes device* fil-komplessità tiegħu bin-numru 29740, u għandha wkoll id-drittijiet tal-awtur fuq

dawn l-imsemmija disinnji jew xogħolijiet artistiċi *three stripes device* taħt l-art. 2 tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikors ikompli jgħid illi s-soċjetà *adidas-Salomon AG* hija proprjetarja tal-markju distintiv magħruf bħala *three stripes device on clothing*, *trefoil device* u *adidas* li huwa wżat fuq diversi prodotti bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra. Din is-soċjetà għandha irreġistrati Malta, il-markjii *trefoil device* u *adidas* bin-numri 10994, 13562 u 30173, u għandha wkoll id-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xogħolijiet artistiċi taħt l-art. 2 tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Kontrollur tad-Dwana kien żamm fil-Port Ħieles fit-2 ta' Ottubru, 2005 il-*container* GSTU2575458 fuq il-vapur M/V CMA-CGM PUGET li kien fih seba' mija u għoxrin (720) par żarbun sportiv bil-markju *three stripes device*. Il-polza ta' kariku SZ1026669 turi li l-konsenatarji ta' dawn iż-żraben sportivi huma *Warda Import-Export*, ta' 01 Rue Bretague-Bir Mouradrais Alger, Algerie, waqt li x-*Shipper* huwa *NGI Import Export Manufacturer*.

Is-soċjetajiet atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi ż-żraben sportivi li jinsabu maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana fuq talba tal-atturi huma oġġetti mdaħħla b'piraterija (skond l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 414);

2. fl-interess tal-attriċi *adidas International Marketing B.V.* tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja ta' seba' mija u għoxrin (720) par żraben sportivi jiksru d-dritt tà proprjetà intellettwali ta' dina s-soċjetà attriċi għax ma humiex ġenwini, skond l-art, 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant ksur tal-art. 4 tal-Kap. 414, dwar it-*trademark* reġistrat f'isem is-soċjetà attriċi bin-numru 29740 fir-Reġistru tal-Markji tà Malta, u/jew dwar id-drittijiet tal-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *three stripes device*;

3. fl-interess tal-attriċi *adidas-Salomon AG* tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja ta' seba' mija u għoxrin (720) par żraben sportivi jiksru d-dritt tà proprjetà intellettwali ta' dina s-soċjetà

attriċi għax ma humiex ġenwini, skond l-art, 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant ksur tal-art. 4 tal-Kap. 414, dwar it-*trademark* f'isem is-soċjetà attriċi bin-numru 10994 fir-Reġistru tal-Markji tà Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *three stripes device on clothing*;

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjetajiet attriċi sabiex jeqirdu ż-żraben fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lis-soċjetà konvenuta u bi flusha, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;

5. tagħti kull rimedju ieħor li tistà tagħti taħt il-Kap. 414 tal-Liġijiet tà Malta;

6. tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, ħażna u qerda taż-żraben sportivi, u l-ispejjeż tal-uffiċċjali tad-Dwana.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għall-konvenuta wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ.

Waqt is-smigħ tal-kawża l-qorti rat ix-xiehda mressqa mis-soċjetà attriċi, fosthom l-*affidavit* ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana responsabbli għall-qbid u detenzjoni tal-*container* u l-merkanzija suspettuża, u r-rapport tal-14 ta' Ottubru 2005 magħmul minn James Behean, rappreżentant legali tas-soċjetà attriċi adidas *International Marketing B.V.*

Billi x-xiehda turi tassew illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt tas-soċjetajiet atturi fi *trademarks* reġistrati, it-talbiet ta' l-attriċi għandhom jintlaqgħu. Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi:

1. tgħid illi ż-żraben sportivi miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana jiksru d-drittijiet ta' proprjetà industrijali li għandhom s-soċjetajiet atturi fuq it-*trademarks* reġistrati f'isimhom;

2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jeqred dawn ż-żraben sportivi fi żmien xahar millum, fil-preżenza ta' rappreżentant tas-soċjetajiet atturi; u

3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha, kemm dawk ġudizzjarji u kemm dawk biex inġarru, biex inżammu u biex jinqerdu ż-żraben sportivi.

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u kif mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------